MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 484/2014

**GO plc (22334)**

**Vs**

**Spiridione Tabone (ID 463250M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, erbgha mija u ghaxar ewro (€1,410), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 kif ukoll servizzi ta' televizjoni addizjonali 1425155276 (AC10199892) skont kuntratti datati 5 ta' Ottubru, 2011.

Illi 'nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2844/13, bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Novembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A - Prospett

Dok B1 – B2 – Kuntratti

Dok C - Estratt mir-Registru Elettorali

Dok D - Ittra ufficjali 2844/13

Ra r-risposta tal-konvenut datata 23 t' Ottubru, 2014 fejn ippremetta:

1.Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi s-servizz li nghata l-konvenut kien palezement difettuz tant li hu qatt ma kellu 'reception' tajba u ma kienx jista jara programmi u channels koperti bil-kuntatt;

3. Illi l-konvenut kien illanja diversi drabi mal-atturi u l-atturi aktar minn darba baghtu nies teknici sabiex suppost isewwu l-hsara.

4. Illi din il-hsara qatt ma giet imsewwija kien ghalhekk li l-konvenut kellu jtemm il-kuntratt – propju ghaliex l-atturi ma kienux qed iwettqu l-obbligi kontrattwali taghhom.

5. Illi ghalhekk ebda ammont ma hu dovut u zgur li jekk hemm ammont dovut dan ma huwiex dak indikat mill-atturi imma huwa hafna inqas.

6. Illi l-konvenut ghandu problemi kbar ta’ sahha u ghandu dizabilita’ fizika – ghalhekk ma setax jiehu l-apparat lura meta mitlub jaghmel dan. Il-konvenut kien indika dan il-fatt lill-atturi diversi drabi.

7. Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-Subizzjoni.

Rat in-nota tas-Socjeta’ attrici datata 1 ta’ Dicembru, 2014 li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta’ elf ewro (€1,000).

Il-konvenut iddikjara li qed jammetti din it-talba kif ridotta u qed jitlob li l-pagamenti jkunu jistghu jsiru bir-rata ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar u li din it-talba tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

It-Tribunal ra li l-Avukat Dr Keith Grech ghas-Socjeta’ attrici ddikjara li mhux qed jopponi ghal din it-talba tal-konvenut.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont kif ridott bin-nota tal-01 ta’ Dicembru, 2014 ta’ elf ewro (€1,000) . It-Tribunal jordna li din it-talba tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------